**30 ta' Jannar, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmel Cascun

**Provi — Xhieda tal-Ko-Imputat — Art. 632(b) u 633 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ebda eċċezzjoni kontra l-ammissibbilità ta' xhud ma għandha tiġi akkolta minħabba li x-xhud kien imputat tal-istess reat, meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu spiċċaw għax il-Gvern tah jew wegħdu l-impunità. F'każ simili, il-kwistjoni tibqa' waħda ta' kredibbiltà.*

*Dan ir-rekwiżit hu ugwalment soddisfatt jekk il-proċeduri jkunu terminati kontra x-xhud, avvolja għal xi raġuni oħra.*

*Għaldaqstant, ix-xhieda ta' ko-imputat li ma appellax mis-sentenza tal-Maġistrat hi ammissibbli fl-appell li jagħmel il-jagħmel il-ko-imputat l-ieħor.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imputat appellant Cascun, li bih qiegħed jitlob li jipproduċi f'din l-istanza lil Antonio Cachia li kien ko-imputat miegħu in prima istanza, u li għalhekk ma setgħax jipproduċi f'dik l-istanza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 632(b) Kap. 12 ebda eċċezzjoni kontra l-ammissibbilità ta' xhud ma għandha tiġi akkolta minħabba li x-xhud kien imputat tal-istess reat, meta l-proċeduri kontra tiegħu jkunu spiċċaw għax il-Gvern ikun tah jew wegħdu l-impunità. F'każ simili, il-kwistjoni tibqa' waħda ta' kredibbilità (art. 633 ibidem);

Illi f'dan il-każ ma hijiex kwistjoni ta' għoti ta' impunità; iżda dan ir-rekwiżit hu ugwalment soddisfatt jekk il-proċeduri jkunu terminati kontra x-xhud, avvolja għal xi raġuni oħra (ara Digriet mogħti minn din il-Qorti kolleġjalment komposta, Pres. Sir Adrian Dingli, Imħallfin Dr. Giuseppe Gasan u Dr. Luigi Ganado, fl-14 ta' Novembru 1890, riportat fil-Volum XII tal-Kollezzjoni, paġ. 531);

Illi rriżulta fis-seduta tal-lum li l-proċeduri kontra x-xhud huma terminati, għaliex hu ma appellax mis-sentenza "de qua";

Illi simili tidher li hija l-pożizzjoni fid-Dritt Ingliż, kif jidher mill-Archbold, 34th, edition, page 495, ( para. 1307, fejn hu anki ċitat it-Taylor, "On Evidence", 12th. edition, s. 1357, in sostenn tal-propożizzjoni li "in all these cases a prisoner is also a competent witness for a co-prisoner", u fost dawn il-każijiet hemm dak li x-xhud ikun ġa ġie kundannat;

Għalhekk tilqa' t-talba għall-produzzjoni tax-xhud Cachia, ġa ko-imputat in prima istanza.